MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 2

It-Tlieta 23 ta' Jannar 2018

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-5 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Paul Bongailas - Kunsillier
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

***Ma Kienx hemm***

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

**2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm

**2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Diċembru 2017.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier Paul Bongailas

**2.3 Komunikazzjoni mis-Sindku fuq punti imqajjmin mis-Seduta preċedenti (15)**

**15.3.1 A** Is-Seg Eżek infurmat il-Kunsill dwar arranġament li jista' jsir mad-dipartiment MSD b'miżata ta' 230 euros fis-sena biex il-manutenzjoni tal-funtana tiġi taħt ir-responsabbilta' tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam ma' ħsarat u manutenzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament li nissieħbu ma' dan id-dipartiment għal sena bħala prova.

**15.3.1 B** Is-Seg Eżek infurmat il-Kunsill illi d-data tal-laqgħa pubblika tas-sena 2018 hija dik ta' 19 ta frar 2018 fis-6:00 p.m fl-uffiċini tal-Kunsill. Hija ukoll saħqet illi la darba tifinalizza r-rapport li ser jinqara waqt din il-laqgħa ser tkun qed tibatulhom e-mail għall-informazzjoni tagħhom.

**15.4.2 A** Is-Sur Paul Bongailas irringrazzja formalment il-ħaddiema tal-Kunsill Vince, Martin u Franco li kienu pronti qassmu l-*leaflets* tal-Kunsill fl-inqas żmien possibli dan wara li kienet festa pubblika.

**15.3.1 D** Is-Sinjura Sultana reġgħet fakkret lis-Seg Eżek biex tagħmel rapport formali lill-Waterworks dan wara l-istat diżastruż ta' tarmac li ingħata minnhom stess wara xi ħsarat li kien hemm f'residenzi privati fi Triq is-Sienja.

15.4.1

Is-Sur Pawlu Bongailas xtaq jenfażizza l-fatt illi c-'chairperson' xogħlu hu li jwassal il-ħidma tas-'sotto' kumitat lill-Kunsill peress li f'paragrafu minnhom fil-minuti preċedenti ma kinitx spjegata kif suppost għall-fatt illi l-Kunsill kien jaf minn qabel u approva min kienu dawk l-individwi li ħa jieħdu t-titli ta' ġieħ u unur l-Kalkara.

2.3.1

**Komunikazzjoni mis-Sindku : Korrespondenza**

**A** Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar talba ġejja mill-każin San Ġużepp rigward l-użu tal-armar ta' 'bar' fil-bandli biex jintuża matul ix-xhur tas-sajf mill-istess każin minħabba żieda ta' partitarji ta' dan l-istess każin u ħabba n-nuqqas ta' spazju ta' 'parking bays' biex jinħargu iktar imwejjed u siġġijiet quddiem il-każin stess.

Il-Kunsill oġġezzjona għal din it-talba minħabba l-fatt illi 'bar' m'huwiex postu fl-istess żona tal-bandli.

Il-Kunsill saħaq illi l-każin jistgħu jiftehmu mal-Browns Pharmacy biex dawk il-Ħdud li dan il-ħanut ma jkunx ser jiftaħ il-każin ikun jista' juża' r-'reserved bay' tagħhom biex jinħargu aktar imwejjed u siġġijiet.  La darba il-Kunsill ikollu konferma minn naħa tal-Browns Pharmacy li għalihom mhux inkonvenjent il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni rigward il-punt imsemmi fid-dettal hawn fuq.

**2.3.1**

B

Is–Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar talba ta' flus bħala għajnuna lill-każin San Ġuzepp fl-okkażżjoni tal-Irxoxt li ssir il-Kalkara b'inizjattiva tagħhom stess. Hija saħħqet illi l-Kunsill ma jistax jibqa' jgħid iva għal kollox speċjalment meta ż-żewġ każini qed jiġu mejuni bi flus f'Jum il-Kalkara meta dawn jieħdu ammont ta' flus sostanzjali biex titella' Jum il-Kalkara ta' kull sena. Apparti minn hekk hi żiedet tgħid illi l-Kunsill m'huwiex f'pożizzjoni li joħroġ l-ebda tip ta' donazzjoni jew sponsor ħabba raġunijiet ovvji.

Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq jgħid illi l-ebda każin f'malta ma jingħata flus mill-kunsilli biex titella' l-attivita' tal-Irxoxt fil-lokalitajiet rispettivi.

Is-Sur Bruno qal illi aħna nistgħu ngħinuhom xorta billi nnaddfu wara l-marċ u b'affarijiet oħra li jsiru normali u mhux għall-attivita' tal-Irxoxt biss. Irridu jkunu huma li jgħidulna x'għandhom bżonn u l-Kunsill jara kif jagħmel biex jgħinhom f'affarijiet oħra u mhux f'dawk ta' finanzi.

2.3.1
C

Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar talba mingħand resident il-Kalkara fuq il-'keep clear' li hemm ix-xatt quddiem il-monument tal-papa. Din il-persuna qed tistaqsi għalfejn din il-kaxxa qiegħda safra u mhux 'parking bay' normali speċjalment minħabba l-fatt illi x-xatt hemm nuqqas ta' parkeġġ u kienu qiegħdin jaqilgħu ċitazzjoniijiet meta wieħed jipparkja f'din l-istess kaxxa.

Il-kunsilliera qalu illi darba fil-passat kien hemm diga' rikjesta biex titneħħa din il-'keep clear' pero residenti stess ilmentaw illi la darba jibdew jipparkjaw il-karozzi l-monument tant għal qalbhom ser ikun qed jiġi mgħotti.

Bi 3 favur il-Kunsill qabel illi tintbgħat it-talba lil TM biex jara wieħed x'jista jżid u jnaqqas u jibqa' jidher il-monument jekk dejjem tippermettilek il-ligi minħabba li l-'keep clear' imsemmija hawn fuq hija waħda kbira u forsi jkun
2.3.1 D hemm ċans jidħol parkeġġ iżgħar minn normal għal karozza.

Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar ilment li għadda is-Sur Vince Bongailas lill-Kunsill fuq żona partikolari fi Triq Santa Liberata. Fejn din l-istess żona kienet dejjem meqjusa bħala żona privata għar-residenti li joqgħodu fiha għax minn dejjem hekk ġew iggwidati.

Is-Sur Vince Bongailas saħaq jgħid illi sabuh xi residenti li joqgħodu f'din iż-żona jilmentaw illi qed ikun hemm diżastru ta' parkeġġ li anka kien qiegħed jinħoloq ostaklu meta wieħed jiġi biex joħrog mid-dar.

Is-Sindku staqsiet jekk qatt xi darba xi ħadd minn dawn ir-residenti ġabux lill-Kunsill informazzjoni bil-miktub li din il-biċċa triq hija waħda privata għax sa fejn taf hi huma dejjem jgħidu bil-kliem u li m'hemm xejn bil-miktub.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan l-ilment għandu jintbgħat lill-TM biex b'hekk il-Kunsill ikun gwidat aħjar fuq x'jista jagħmel f'din l-istess żona jekk din m'hijiex privata. Il-Kunsill talab lis-Seg Eżek iġġib informazzjoni mil-
2.3.1 E 'lands' fuq kif inhi mniżżla fis-Sistema tagħhom din il-biċċa triq ħalli jinqatgħu d-dubbji jekk hijiex waħda privata jew taqax taħt il-gvern ċentrali.

Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar talba mill-kunsillier Vince Bongailas biex imur fuq programm televiżiv jippromwovi l-attivitajiet / dekasteri tiegħu la darba l-assoċċjazzjoni tal-kunsilli bagħtet e-mail lill-kunsilli kollha b'din l-opportunita'.

Is-Sindku qalet illi tajjeb li b'din l-opportunita' tajjeb li wieħed imur fuq dan il-

programm jitkellem fuq il-Kalkara inġenerali u l-attivitajiet kollha u mhux attivitajiet ta' kunsillier wieħed biss. Hija saħħqet illi tajjeb li jmorru flimkien la darba ikun hemm opportunita' li jidru fuq it-televiżjoni.

2.3.1 F

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jmorru s-sinjura Sindku u l-kunsillier Vince Bongailas jippromwovu l-Kalkara.

Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar talba minn impjegata tal-Kunsill Josette Ciantar li tieħu ħsieb il-berġa u l-librerija tal-lokal tal-Kalkara.

Josette spjegat fid-dettall attivita' li tixtieq tagħmel b'risq annimali dan wara ħafna talbiet u suġġerimenti ta' nies stess li jmorru biex jinqdew mis-servizzi li jagħti l-Kunsill b'xejn għar-residenti tal-lokal. Hija qalet ukoll li l-Kunsill kull ma jrid iħallas il-vet / groomer li ser tkun qed tassiti l-Josette waqt din attivita' jekk la darba tiġi approvata mill-istess Kunsill.

Is-Sur Vince Bongailas saħaq illi d-dekasteru tal-annimali fil-verita' huwa responsabbilta' tiegħi imma hu lest li jgħin il-Josette waqt din l-attivita' bil-patt u l-kundizzjoni li t-tberik tal-annimali jibqa' fiss ta' kull sena fid-data stipulata ġewwa x-xatt tal-Kalkara u mhux jiġi amalgament ma' din attivita' kif issuġġerit is-sinjorina Ciantar stess.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar din l-attivita' ħlief li l-kamra li tintuża mit-tabib tibqa' magħluqa ħabba raġunijiet ovvji. Apparti minn hekk il-Kunsill qabel ukoll illi Josette għandha tieħu ħsieb illi wara l-attivita' ried
2.3.1 G jitnaddaf il-post minnufih. Din l-attivita' ser tkun qed tiġi rreklamata fil-magazine tal-Kunsill u anke jintbgħat 'flyer' lill-iskola biex it-tfal ikunu jistgħu jattendu mal-ġenituri tagħhom bil-'pets' favoriti tagħhom.

Is-Sinjura Speranza Chircop uriet l-apprezament tagħha lid-direttorat taċ-Ċinizi f'Malta wara s-success tal-attivita' li saret ġewwa l-iskola primarja tal-Kalkara biċ-ċelebrazzjoniet tal-'Happy Chinese New Year'. Hija saħqet illi l-attivita' kienet fully booked li saħansitra baqgħu deħlin in-nies li kellhom joqgħodu bil-wieqfa.

Is-Sinjura Chircop talbet lis-Seg Eżek tikteb ittra ta' ringrazzjament lill-dan id-direttorat għax-xogħol li għamel qabel u waqt din l-istess attivita'.

Is-Sur Paul Bongailas talab skuża formali li ma setax jattendi ħabba raġunijiet personali.

Il-flus miġbura waqt din l-attivita' marru kollha għad-dar tal-providenza bl-

ammont ta' ftit aktar minn 500 ewro.

2.3.2 H Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill DWAR KORRESPONDENZA LI RCEVIET MINGHAND DOCTOR Philip Agius rigward il-'miniature malta' li hemm ġewwa Ġnien is-Salvatur fil-Kalkara. It-tabib saħaq illi hemm bżonn li l-Kunsill ikompli jaħdem fuq suġġerimenti ġejjin mill-Passat minn naħa tiegħu stess rigward din l-istess 'miniature malta'.

Is-Sinjura Sultana qalet illi meta l-istess Dr Philip kien tkellem mal-Kunsill fil-Passat kien hemm biss ħsibijiet ta' wieħed x'jista jagħmel u xejn konkret.

Il-Kunsill qabel illi la darba jiġi approvat il-proġett kapitali tal-'Promenade' wieħed għandu jżomm f'moħħu l-'miniature malta' ġewwa dan il-ġnien li hawn fil-lokal stess. Il-Kunsill ser ikun qed jieħu nota b'dak kollu li qed jipproponi Dr Philip Agius għal referenzi fil-futur.

2.3.2 I IS-SINJURA SINDKU SPERANZA CHIRCOP Infurmat il-Kunsill dwar laqgħa li kellha ma xi membri tal- MTA rigward l-istat diżastruz li hemm ta' dgħajjes imtellgħin fuq l-art in-naħa tax-Xewkija tal-Kalkara. Hija saħħqet illi dawn il-membri preżenti kkonfermaw illi dak kollu li qaltilhom is-Sindku rigward dan l-istess ser ikun qed jitella' u jiġi diskuss mal-Ministru ta' MTA biex wieħed jibda jaħdem fuq dan is-sit flimkien mal-awtoritajiet kollha involuti diġa' li jafu bil-problema.

2.3.2 j Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar laqgħa li kellha ma' Ms.Kristina Borg fejn din il-persuna diġa' għandha konessjoni mal-Kunsill lokali Kalkara fil-passat mal-proġett naqsam il-muża. Din id-darba l-istess Kristina qed taħdem fuq proġett li jġib l-isem ta' 'No Mens Land' fejn din qed tagħmel riċerki u proġett fuq il-konfini tal-lokalitajiet.

Is-Sur Pawlu Bongailas saħaq illi tajjeb li l-informazzjoni li ingħatat jew li ser tingħata lil din is-Sinjura tkun waħda korretta biex ma jkun hemm l-ebda nkwiet mal-lokalita' tal-Birgu u nerġgħu nqajjmu kelb rieqed u diskussjonijiet jaħarqu li ġejjin mill-passat rigward il-konfini ta' bejn il-Birgu u l-Kalkara.

2.3.2k Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar ħarġiet għall-anzjani u l-familja u kulturali fix-xahar ta' Frar 2018

2.3.2L IS-SEG EŻEK INFURMAT IL-KUNSILL DWAR mobile dental clinic unit li ser ikun qiegħed stazzjonat ix-xatt għal benefiċċju tar-residenti fejn jistgħu jingħataw servizzi b'xejn nhar it-Tnejn 26 ta' Frar 2018 mit 8:30 a.m sa 11:00 am. Il-'flyers' ser ikunu qiegħdin jitwaħħlu fuq in-'notice boards' madwar il-

lokal.

## 2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 2.4.1 Christopher Bruno – Viċi Sindku

**A.** Is-Sur Chris Bruno nnotifika l-Kunsill bil-parkeġġ ħazin li qiegħed ikun hemm fi Triq Missjoni Taljana li qiegħed jinħoloq periklu biex wieħed ikun jista' joħrog komdu minn Triq Straubenzee. Huwa saħaq li dan l-ilment għandu jinżamm 'on hold' la darba r-residenti jgħaddu l-ilmenti tagħhom dirett il-Kunsill għax s'issa hadd ma ġie jilmenta formalment.

**B.** 1. Is-Sur Chris Bruno ġibed l-attenzjoni dwar karrijiet taż-żmiewel li qed jitħallew barra fi Triq Santa Liberata li kemm il-darba ġew irraportati mal-pulizija. Is-Sinjura Sultana kompliet tgħid li saħansitra anke klieb ikunu qiegħedin jiġru barra fl-istess akkwata.

2. Is-Sur Bruno talab ukoll lis-Seg Eżek tibgħat 'reminder' lit-TM rigward iz-'zebra crossing' / 'pelican lights' li kellhom jiġu implementati minn TM stess quddiem il-kunvent tal-Kapuċċini ġewwa Triq Santa Liberata.

**C.** Is-Sur Chris Bruno talab lis-Seg Eżek tibgħat rapport rigward siġra li ħierga minn ġo għalqa privata ġewwa Triq Giovanni Ricasoli għaliex qabżet ħafna l-barra li qed tieħu post ta' parkeġġ kif ukoll bniedem miexi jrid joħrog il-barra ferm minn mal-ħajt biex jgħaddi.

### Is-Sur Pawlu Bongailas - Kunsillier

**A.** Is-Sur Pawlu Bongailas, staqsa lis-Seg Eżek kinitx ħadmet fuq il-kwistjoni tal-iskips stazzjonati x-Xatt u l-kwistjoni ġa diskussa f'seduti preċedenti dwar il-ġbir tal-iskart tar-ristoranti tax-xatt.

Is-Seg Eżek skużat ruħha għal fatt illi kienet għadha ma ħadmitx fuq dan il-punt importanti ħafna minħabba l-urġenza ta' materja oħra fix-xahar li għadda.

Is-Sur Bongailas talab li tintbgħat kopja lill-kunsilliera kollha tal-ittra li ser tkun qed tintbgħat f'isem il-Kunsill lill-ħwienet kollha tax-Xatt rigward il-punt imsemmi hawn fuq għal informazzjoni tagħhom.

**B.** Is-Sur Pawlu Bongailas staqsa jekk kienx sar appuntament mal-Ministru Owen Bonnici rigward id-devoluzzjoni tal-ħwienet biswit il-Kunsill .

Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar laqgħa li kellha hi personali bħala Sindku mal-Prim Ministru kif ukoll ma' membri parlamentari oħra preżenti li kienet infurmat bil-problema li għandu l-Kunsill fuq din il materja. Huma għandhom jikkuntatjawha b'kull informazzjoni li ser ikollhom fuq dan ir-rigward.

Is-Sur Bongailas baqa' jenfazizza li għandu jsir meeting mal-Ministru kkonċernat biex b'hekk wieħed ikun jista' jinfurmah bil-problema li għandu l-Kunsill għax sal preżent ħadd mill-kbarat li tkellem miegħu l-Kunsill ma kien tana risposta.

c. Is-Sur Bongailas talab lis-Seg Eżek terġa' tibgħat reminders fuq il-kwotazzjonijiet li kellhom jinġiebu biex isir 'podium' permanenti għall-Kunsill Lokali Kalkara biex jintuża waqt l-attivitajiet.

d. Is- Sur Bongailas saħaq li għandhom jinbdew il-preparamenti tal -avveniment tal-Mafkar li ser issir 24 ta' Marzu 2018. Il-quddiem tibda fis-sitta u wara jitpoġġew il-fjur fil-Pjazza Sagra Familja quddiem il-monument kif dejjem sar fi snin preċedent.

e. Is-Sur Bongailas informa l-Kunsill li fil-jiem li ġejjin ser ikun qed jiltaqa' mal-membri tal-każin tas-Sagra biex jinbdew id-diskussjonijet fuq Jum il-Kalkara 2018.

Is-Sur Bruno talab il-Pawlu jipprova jikkonvinċi lil dawn il-membri li kif diġa' kien ġie diskuss u ssuġerit mill-Kunsill stess f'seduti preċedent il-kunċerti jista' ma jkunx wieħed ta' banda biss bħas-snin li għaddew.

F. IS-SUR BONGAILAS SAHAQ LI TAJJEB li terġa tintbgħat ittra lir-residenti ta' Triq San Mikiel minħabba li x-xogħlijiet fl-akkwata ser jinbdew wara d-data ta' fuq l-ewwel ittra li intbgħatitilhom biex ma jkunx hemm problema kif diga' kien ġara qabel fl-istess akkwata.

**<u>Kummenti tal-Kunsilliera Maria Sultana:</u>**

A Is-Sinjura Sultana talbet lis-Seg Eżek tkellem il-kuntrattur li qed jaħdem fil-viċinanzi tal-iskola rigward tindifa sura ta' nies li għandha tingħata fl-inħawi la darba jispiċċaw ix-xogħlijiet f'dawn l-inħawi, l-istat li tħalla t-tarmac wara xi xogħlijiet li saru kif ukoll tiżdied tarġa fl-entratura tal-iskola

kif kienet qabel u mhux b'waħda kif qiegħeda fil-preżent.

B Is-Sinjura Maria Sultana reġgħet għamlet emfażi fuq il-periklu li hemm f'tarag San Ġużepp peress li qed jaqaw ġebel għal fuq fejn jgħaddu n-nies. Hija saħqet illi tajjeb li terġa' tintbgħat e-mail lill-awtoritajiet ikkoncernati kif ukoll jitwaħħal 'signage' temporanju sakemm jitranġa dan l-istess ħajt minn naħa tal-Mcast għaliex din il-kwistjoni taqa' taħt ir-responsabbilta' tagħhom.

## 2.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

2.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 1.18 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 2.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 2.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

2.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar it-Tlieta 27 ta' Frar 2018 fil 4:00 p.m. u spiccat fis 6:30 ta filgahxija.

Konfermati, illum Il-Hamis 23 ta' Jannar, 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |